III

*(Atti preparatorji)*

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

## OPINJONI NRU 5/2018

*(skont l-Artikoli 287(4) u 322(2) TFEU)*

**dwar (a) Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 325 final); (b) Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (COM (2018) 326 final); u (c) Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (tal-KEE, u l-Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir mir-riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2018) 328 final)**

(2018/C 431/01)

**WERREJ**


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| SOMMARJU | | 3 |
| INTRODUZZJONI | 1 – 6 | 5 |
| L-EWWEL PARTI: KUMMENTI ĠENERALI | 7 – 12 | 6 |
| Rati ta' prelevazzjoni għar-riżorsi proprji | 9 – 10 | 7 |
| Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni | 11 – 12 | 8 |
| IT-TIENI PARTI: KUMMENTI SPEĊIFIĊI | 13 – 48 | 8 |
| Ir-riforma ta' xi wħud mir-riżorsi proprji eżistenti | 14 – 23 | 9 |
| Iż-żamma tad-dazji doganali (RPT), iżda b'rata aktar baxxa għall-ispejjeż tal-ġbir | 14 – 16 | 9 |
| Iż-żamma tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING | 17 – 19 | 10 |
| Is-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT | 20 – 23 | 10 |
| "Basket" ta' riżorsi proprji ġodda | 24 – 43 | 11 |
| Riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK | 26 – 33 | 11 |
| Riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS | 34 – 37 | 12 |
| Riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ | 38 – 43 | 13 |
| Eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet | 44 – 47 | 14 |
| Żieda fil-limiti massimi għar-riżorsi proprji | 48 | 15 |
| IT-TIELET PARTI: KONKLUŻJONIJIET U EMENDI PROPOSTI | 49 – 54 | 15 |
| Rakkomandazzjonijiet biex isir titjib fir-riforma proposta tar-riżorsi proprji | 53 – 54 | 15 |
| Anness I — L-emendi għall-proposti ssuġġeriti mill-Qorti | | 17 |
| Anness II — Metodoloġija għall-kalkolu tar-riżorsa proprja l-ġdida proposta bbażata fuq il-VAT | | 19 |

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 287(4) u 322 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat dawn il-proposti tal-Kummissjoni li saru fit-2 ta' Mejju 2018:

(a) il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 325 final);

(b) il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (COM(2018) 326 final);

(c) il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 327 final); u

(d) il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (tal-KEE, u l-Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir mir-riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2018) 328 final),

Wara li kkunsidrat it-talbiet tal-Kummissjoni għal opinjoni dwar il-proposti taħt il-punti (b) u (d) hawn fuq, li waslu fil-15 ta' Mejju 2018,

Wara li kkunsidrat it-talbiet tal-Kunsill għal opinjoni dwar il-proposti taħt il-punti (b) u (d) hawn fuq, li waslu fit-28 ta' Mejju 2018,

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Parlament Ewropew għal opinjoni dwar il-proposta taħt il-punt (a) imsemmi hawn fuq, li waslet fil-25 ta' Ġunju 2018,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea; u r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti ([2]), dan tal-aħħar kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 ([3]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([4]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003 tal-14 ta' April 2003 ([5]),

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet preċedenti mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE ([6]).

Wara li kkunsidrat id-dokument informattiv u analitiku tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-futur tal-finanzi tal-UE ([7]).

([1]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
([2]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29 u 39.
([3]) ĠU L 132, 21.5.2016, p. 85.
([4]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([5]) ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36.
([6]) L-Opinjonijiet Nru 7/2015 (ĠU C 5, 8.1.2016, p. 1), Nru 7/2014 (ĠU C 459, 19.12.2014, p. 1), Nru 2/2012 (ĠU C 112, 18.4.2012, p. 1), Nru 2/2008 (ĠU C 192, 29.7.2008, p. 1), Nru 2/2006 (ĠU C 203, 25.8.2006, p. 50), Nru 4/2005 (ĠU C 167, 7.7.2005, p. 1) u Nru 7/2003 (ĠU C 318, 30.12.2003, p. 1).
([7]) Future of EU finances: reforming how the EU budget operates (Il-futur tal-finanzi tal-UE: nirriformaw il-mod kif jopera l-baġit tal-UE), dokument informattiv u analitiku, il-15 ta' Frar 2018.

Wara li kkunsidrat id-dokument informattiv u analitiku tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027 ([8]).

Wara li kkunsidrat ir-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli rigward ir-Riżorsi Proprji (HLGOR) dwar il-finanzjament futur tal-UE, li nħareġ f'Diċembru 2016 ([9]).

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u tal-25 ta' Marzu 1999 ikkonkluda ([10]), fost affarijiet oħra, li jenħtieġ li s-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE tkun ekwa, trasparenti, kosteffettiva u sempliċi, u li trid tkun ibbażata fuq kriterji li jesprimu bl-aħjar mod il-kapaċità ta' kull Stat Membru li jikkontribwixxi;

(2) Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 laħaq ftehim ([11]), fost affarijiet oħra, li jenħtieġ li l-arranġamenti tar-riżorsi proprji jkunu ggwidati mill-objettiv kumplessiv tal-ekwità, li jenħtieġ li dawn l-arranġamenti, b'hekk, jiżguraw li l-ebda Stat Membru ma jġarrab piż baġitarju li jkun eċċessiv meta mqabbel mal-prosperità relattiva tiegħu, u li jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jintroduċu dispożizzjonijiet li jkopru Stati Membri speċifiċi, kif meħtieġ;

(3) Fil-laqgħa tiegħu tas-7 u t-8 ta' Frar 2013, il-Kunsill Ewropew appella biex ikompli jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja ġdida bbażata fuq il-VAT biex tkun sempliċi u trasparenti kemm jista' jkun possibbli, biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-politika tal-UE dwar il-VAT u l-entrati reali tal-VAT, u biex jiġi żgurat trattament ugwali għal dawk li jħallsu t-taxxi fl-Istati Membri kollha ([12]);

(4) F'Diċembru 2013, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni adottaw "Dikjarazzjoni Konġunta", li kienet tiddikjara li l-kwistjoni tar-riżorsi proprji kienet tirrikjedi aktar xogħol, u li kien se jitlaqqa' grupp ta' livell għoli interistituzzjonali, biex iwettaq analiżi ġenerali tas-sistema ([13]);

(5) Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-Ewropa ([14]), fix-"Xenarju 5: Flimkien isir ferm aktar", indikat li jenħtieġ li l-baġit tal-UE jiżdied u jiġi modernizzat b'mod sinifikanti, sostnut mir-riżorsi proprji;

(6) Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE ([15]) enfasizza li l-approċċ attwali għal finanzjament huwa wisq kumpless, opak u mimli b'mekkaniżmi ta' korrezzjoni li huma kumplessi u li, fil-futur, jenħtieġ li s-sistema ssir sempliċi, ġusta u trasparenti;

(7) Ir-riżoluzzjoni dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew f'Marzu 2018, enfasizzat xi nuqqasijiet fil-mod kif il-baġit tal-UE jiġi attwalment iffinanzjat u appellat biex isiru riformi estensivi. Hija appellat ukoll, b'mod partikolari, biex jiġu introdotti kategoriji ġodda u differenti ta' riżorsi proprji biex jitwaqqfu l-korrezzjonijiet kollha ([16]).

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

**SOMMARJU**

I. Is-sistema ta' finanzjament għall-baġit tal-UE ma ġietx irriformata b'mod sinifikanti mill-1988 'il hawn. It-tliet kategoriji prinċipali ta' dħul (ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING)), għal dawn l-aħħar 30 sena, żguraw li l-fondi miġbura kienu kumplessivament stabbli u suffiċjenti. Il-Kummissjoni pproponiet li tibdel din is-sistema ta' finanzjament għall-baġit futur taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 billi:

— tirriforma r-riżorsi proprji eżistenti, li se jirrappreżentaw 87 % tad-dħul tal-UE: filwaqt li żżomm l-RPT iżda b'rata aktar baxxa għall-ispejjeż tal-ġbir, iżżomm ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING u tissimplifika r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT;

---

([8]) The Commission's proposal for the 2021-2027 Multiannual Financial Framework (Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027), dokument informattiv u analitiku, l-10 ta' Lulju 2018.

([9]) Future Financing of the EU – Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources (HLGOR) on the future financing of the EU (Il-Finanzjament Futur tal-UE – Ir-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli rigward ir-Riżorsi Proprji (HLGOR) dwar il-finanzjament futur tal-UE), li nħareġ f'Diċembru 2016.

([10]) Ara l-Bullettin EU 3-1999.

([11]) Ara l-paragrafu 6 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza (Id-Dokument tal-Kunsill 15914/1/05, REV 1, CONCL 3 tat-30 ta' Jannar 2006) li jirreferi għad-Dokument tal-Kunsill 15914/05 CADREFIN 268 tad-19 ta' Diċembru 2005, u b'mod partikolari l-paragrafu 77 tiegħu.

([12]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7/8 ta' Frar 2013 (Qafas Finanzjarju Pluriennali) EUCO 37/13.

([13]) Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Riżorsi Proprji, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Fajl Interistituzzjonali: 2011/0177 (APP).

([14]) COM(2017) 2025 final tal-1 ta' Marzu 2017.

([15]) COM(2017) 358 final tat-28 ta' Ġunju 2017.

([16]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2017/2053(INI)).

— tintroduċi "basket" ta' tliet riżorsi proprji ġodda, li flimkien jirrappreżentaw 12 % tad-dħul tal-UE: waħda bbażata fuq il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK), waħda bbażata fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) tal-Unjoni Ewropea (UE) u waħda bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat;

— telimina gradwalment il-korrezzjoniijiet li jeżistu fis-sistema attwali; u

— iżżid il-limiti massimi biex ir-riżorsi proprji jegħlbu l-impatt tal-Brexit u l-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fil-baġit tal-UE, kif ukoll biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet finanzjarji marbuta ma' self jew ma' faċilitajiet finanzjarji ggarantiti mill-baġit tal-UE.

II. Is-sistema ta' finanzjament tal-UE l-ġdida li ġiet proposta ħadet kont ta' għadd ta' prinċipji ewlenin tar-riforma, iżda mhux kollha kemm huma. Minbarra dan, hija tindirizza xi wħud mid-dgħufijiet li aħna identifikajna fix-xogħol preċedenti tagħna fir-rigward tas-sistema eżistenti tar-riżorsi proprji. Fil-fehma tagħna, is-sistema ta' finanzjament tal-UE proposta għadha kumplessa.

III. Aħna vvalutajna l-proposti tal-Kummissjoni u sibna l-kwistjonijiet prinċipali li ġejjin:

— It-tnaqqis propost tar-rata tal-ispejjeż tal-ġbir għall-RPT mhuwiex iġġustifikat minn studju li jipprovdi stimi affidabbli tal-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet doganali fil-ġbir tad-dazji;

— Ir-riżorsa proprja proposta bbażata fuq il-VAT issimplifikata tinkludi suppożizzjonijiet fir-rigward ta' tranżazzjonijiet b'rata standard u li ma jaderixxux ma' xi wħud mill-istadji tal-kalkolu deskritti mill-Kummisjoni;

— L-applikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK hija suġġetta għad-Direttiva relatata ma' din it-taxxa li qed tiġi adottata mill-Kunsill u trasposta fl-Istati Membri. Din se tiddaħħal b'mod gradwali matul bosta snin wara l-bidu tal-QFP il-ġdid;

— L-EU ETS hija għodda importanti għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima u l-ambjent. Madankollu, ir-riżorsa proprja proposta bbażata fuq l-EU ETS, ma toħloqx inċentiv addizzjonali għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, mhijiex riżorsa stabbli peress li l-prezzijiet tal-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet huma volatili ħafna;

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ tipprovdi inċentiv għall-Istati Membri biex iżidu r-riċiklaġġ tal-plastik. Madankollu, aħna osservajna li jeħtieġ li titjieb il-kwalità tad-*data* li tintuża għall-kalkolu ta' din ir-riżorsa proprja;

— L-eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet hija pass 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni ta' sistema aktar trasparenti u inqas kumplessa. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-korrezzjonijiet se jintemmu fl-2026, u

— Fir-rigward tar-riżorsi proprji l-ġodda proposti, is-setgħat tal-awditjar tagħna, dwar dawk ibbażati fuq il-BKKTK u l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ, jistgħu jkunu ristretti. Hemm riskju li dan jaffettwa l-possibbiltà tal-awditjar u b'hekk, l-obbligu ta' rendikont.

IV. Aħna nirrakkomandaw li l-korpi leġiżlattivi jitolbu lill-Kummissjoni biex twettaq dan li ġej mill-aktar fis possibbli:

(a) Teżamina l-proposti leġiżlattivi; fir-rigward tar-riżorsi proprji l-ġodda, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

— tivvaluta bir-reqqa l-probabbiltà li r-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK tiġi applikata matul il-QFP li jmiss;

— tikkjarifika, fil-proposta tagħha, li r-riżorsa bbażata fuq l-EU ETS ma toħloqx inċentiv addizzjonali għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u tanalizza l-impatt tal-volatilità ta' din ir-riżorsa;

— tqis bir-reqqa t-tnaqqis possibbli tal-ammonti li huma mistennija li jinġabru permezz tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ minħabba bidliet fl-imġiba tal-unitajiet domestiċi u tal-operaturi ekonomiċi,

(b) Tqis mill-ġdid il-proposta dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT issimplifikata, u jekk tiddeċiedi li żżommha, timmodifika l-proposta.

**INTRODUZZJONI**

1. Is-sistema ta' finanzjament għall-baġit tal-UE ma ġietx irriformata b'mod sinifikanti mill-1988 'il hawn. It-tliet kategoriji prinċipali ta' dħul (ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING)), għal dawn l-aħħar 30 sena, żguraw li l-fondi miġbura kienu kumplessivament stabbli u suffiċjenti. Madankollu, huma saħħew ukoll il-perċezzjoni li l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit tal-UE huma biss fattur ta' spejjeż għall-Istati Membri. Dan ippermetta li xi wħud minnhom jinnegozjaw il-korrezzjonijiet u r-ribassi sabiex inaqqsu l-iżbilanċi baġitarji tagħhom.

2. Fl-2011, il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u li toħloq riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF). Din il-proposta ġiet appoġġata mill-Parlament Ewropew. Minkejja li kien hemm kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa għal riforma, l-Istati Membri ma setgħux jilħqu qbil unanimu għall-adozzjoni tal-proposta.

3. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji (HLGOR) twaqqaf bħala parti mill-ftehim finali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2014-2020. Ir-rapport finali tiegħu għall-2016 irrakkomanda l-introduzzjoni ta' kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji b'rabta aktar mill-qrib ma' linji ta' politika tal-UE u t-tneħħija ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni. Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE stipula l-prinċipji ewlenin għar-riżorsi proprji rriformati, filwaqt li jieħu kont tar-rakkomandazzjonijiet tal-HLGOR:

(a) it-trasparenza;

(b) is-sempliċità,

(c) l-istabbiltà,

(d) il-konsistenza mal-objettivi ta' politika tal-UE,

(e) l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli, kif ukoll

(f) ir-ripartizzjoni ekwa fost l-Istati Membri.

4. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP għall-perjodu 2021-2027 ([17]) tipprovdi opportunità biex jiġi mmodernizzat il-qafas finanzjarju tal-UE, għal bosta raġunijiet. L-UE qed tiffaċċja l-ħtieġa li tiffinanzja politiki ġodda Ewropej li ma jistgħux jitwettqu b'mod effiċjenti jew effettiv permezz ta' nfiq nazzjonali. Barra minn hekk, il-konsegwenzi baġitarji dovuti għall-ħruġ tar-Renju Unit (UK) mill-UE se jirrikjedu riforma tal-parti tal-baġit tal-UE li tikkonċerna d-dħul.

5. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-infiq tal-UE joħloq beni pubbliċi Ewropej li minnhom jibbenefikaw l-Istati Membri kollha. Il-benefiċċji li jirriżultaw mill-istabbiltà, il-paċi, il-valuri komuni u s-suq uniku ma jidhrux fil-kalkoli tal-bilanċ nett. Jenħtieġ li l-QFP futur jiġi msawwar skont il-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew. Barra minn hekk, f'baġit tal-UE li jkun imfassal tajjeb u modern, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu benefiċjarji netti ([18]).

6. Kif previst fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji, għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet li:

(a) Tirriforma xi wħud mir-riżorsi proprji eżistenti:

   i Iżżomm id-dazji doganali (RPT), iżda b'rata aktar baxxa għall-ispejjeż tal-ġbir;

   ii Iżżomm ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING;

   iii Tissimplifika r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

(b) Tintroduċi "basket" ta' tliet riżorsi proprji ġodda:

   i Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK);

([17]) Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2018) 322 final tat-2 ta' Mejju 2018).

([18]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" (COM(2018) 98 final tal-14 ta' Frar 2018).

ii Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) tal-Unjoni Ewropea (UE);

iii Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ.

(c) Telimina gradwalment il-korrezzjonijiet.

(d) Iżżid il-limiti massimi għar-riżorsi proprji.

**L-EWWEL PARTI: KUMMENTI ĠENERALI**

7. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-finanzjament tal-UE tagħmel referenza għar-rapport finali tal-HLGOR u għall-prinċipji ewlenin stipulati fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi al-UE (ara l-paragrafu 3). Madankollu, it-tħejjija ta' din il-proposta ma inkludietx valutazzjoni tal-impatt komprensiva, iddokumentata u ppubblikata [19].

8. Il-Kummissjoni tistma li l-bidliet proposti għall-baġit futur tal-UE se jkollhom l-impatt li ġej meta mqabbla mas-sistema attwali (ara l-**Figura 1**):

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING se titnaqqas bi 13-il punt perċentwali,

— Se jinħolqu tliet riżorsi proprji ġodda (ibbażati fuq il-BKKTK, l-EU ETS u l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ), li se jammontaw għal 12 %,

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (issimplifikata) se tiżdied bi ftit, u

— Is-sorsi l-oħra (l-RPT u d-dħul l-ieħor), b'mod ġenerali se jibqgħu stabbli.

Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali [20] se jirrappreżentaw madwar 84 % (skont l-istimi tal-Kummissjoni) tad-dħul, kif inhu wkoll il-każ għas-sistema ta' finanzjament attwali tal-UE (83 % fil-baġit tal-2018).

*Figura 1*

**Stima tal-Kummissjoni tal-bidliet proposti għall-baġit futur tal-UE meta mqabbel ma' dak attwali**

| Riżorsi proprji | Baġit 2018 | | | Medja annwali stmata 2021-2027 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | biljun EUR | % tad-dħul totali | | biljun EUR | % tad-dħul totali | |
| RPT | 23 | 16 | | 26 | 15 | |
| Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (issimplifikata) | 17 | 12 | Kontribuzzjonijiet nazz-jonali: EUR 120 biljun (83 % tad-dħul totali) | 25 | 14 | Kontribuzzjonijiet nazz-jonali: EUR 150 biljun (84 % tad-dħul totali) |
| Riżorsa proprja bbażata fuq l-ING | 103 | 71 | | 103 | 58 | |
| Riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK | — | — | | 12 | 6 | |
| Riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS | — | — | | 3 | 2 | |
| Riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ | — | — | | 7 | 4 | |
| **Total tar-riżorsi proprji** | 143 | 99 | | 176 | 99 | |

[19] Skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar (SWD(2017) 350 final tas-7 ta' Mejju 2017), hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt meta l-impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali mistennija tal-azzjoni tal-UE x'aktarx ikunu sinifikanti (p. 15).

[20] Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali huma pagamenti li jsiru direttament mill-baġits tal-Istati Membri. Huma jinkludu r-riżorsi proprji kollha ħlief l-RPT.

| Riżorsi proprji | Baġit 2018 | | | Medja annwali stmata 2021-2027 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | biljun EUR | % tad-dħul totali | | biljun EUR | % tad-dħul totali | |
| Dħul għajr ir-riżorsi proprji | 2 | 1 | | 2 | 1 | |
| **Total tad-dħul** | 145 | 100 | | 178 | 100 | |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

***Rati ta' prelevazzjoni għar-riżorsi proprji***

9. Fis-sistema attwali, ir-rata ta' prelevazzjoni ([21]) li għandha tiġi applikata għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Ma hemm l-ebda rata ta' prelevazzjoni għall-RPT, u r-rata ta' prelevazzjoni reali għar-riżorsa propja bbażata fuq l-ING tiġi ddeterminata kull sena sabiex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jkun ibbilanċjat.

10. Sabiex ikun possibbli li matul il-perjodu tal-QFP jinbidel il-kombinament ta' riżorsi proprji mingħajr ma tkun meħtieġa emenda għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji, il-Kummissjoni tipprevedi żewġ settijiet ta' rati ta' prelevazzjoni għal kull kategorija ta' riżorsi proprji, ħlief għall-ING (ara l-**Figura 2**): livell massimu fil-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill, u rata ta' prelevazzjoni li għandha tiġi applikata (f'livell aktar baxx) fil-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta d-Deċiżjoni ta' hawn fuq (ara l-paragrafi 21, 27, 35 u 39). Dan l-approċċ jipprovdi aktar flessibbiltà fil-mod kif il-baġit tal-UE jiġi ffinanzjat.

*Figura 2*

**Rati massimi ta' prelevazzjoni u rati ta' prelevazzjoni li għandhom jiġu applikati**

| Riżorsa proprja | Rata massima ta' prelevazzjoni<br>Kif indikat fil-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. | Rati ta' prelevazzjoni li għandhom jiġu applikati<br>Kif indikat fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. |
|---|---|---|
| **Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (is-simplifikata)**<br>% applikabbli għall-bażi tal-VAT b'rata standard. | 2 | 1 |
| **Riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK**<br>% applikabbli għall-proporzjon ta' profitti taxxabbli attribwiti għal kull Stat Membru. | 6 | 3 |
| **Riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS**<br>% tad-dħul iġġenerat mill-kwoti li għandhom jiġu rkantati u l-valur tas-suq ta' kwoti tranżizzjonali mingħajr ħlas għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija. | 30 | 20 |

([21]) Ir-rata ta' prelevazzjoni hija r-rata unitarja (espressa f'perċentwal jew f'valur) li tapplika għall-aggregati li jintużaw bħala bażi għall-kalkolu tar-riżorsi proprji.

| Riżorsa proprja | Rata massima ta' prelevazzjoni<br>Kif indikat fil-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. | Rati ta' prelevazzjoni li għandhom jiġu applikati<br>Kif indikat fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. |
|---|---|---|
| **Riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ**<br>Applikabbli għall-piż tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat. | EUR 1,00 għal kull kilogramm | EUR 0,80 għal kull kilogramm |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-proposti mill-Kummissjoni.

***Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni***

11. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-BKKTK, fuq l-EU ETS u fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 ([22]), se jkompli japplika għar-riżorsi proprji eżistenti.

12. Din il-proposta tinkludi bosta referenzi għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 ta' hawn fuq, u r-rekwiżiti aġġornati se jwasslu għal żewġ regolamenti differenti dwar ir-riżorsi proprji. Fil-fehma tagħna, regolament uniku b'sett ta' dispożizzjonijiet komprensivi dwar ir-riżorsi proprji jagħmel is-sistema aktar sempliċi u aktar trasparenti (ara l-***Anness 1***).

**IT-TIENI PARTI: KUMMENTI SPEĊIFIĊI**

13. Hawn taħt hawn il-kummenti speċifiċi tagħna dwar is-sistema ta' finanzjament tal-UE rriformata. B'mod partikolari, aħna vvalutajna:

— il-livell ta' kumplessità tas-sistemi ta' ġestjoni tal-Kummissjoni,

— il-kwalità tad-*data* u tal-mudelli li ntużaw bħala bażi għall-proposti,

— l-istabbiltà tal-fondi li jridu jinġabru,

— it-trasparenza fil-kalkolu annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, u

— il-possibbiltà li nipprovdu aċċertament fuq il-bażi ta' xogħol tal-awditjar li jkun suffiċjenti (possibbiltà tal-awditjar).

Fil-**Figura 3** nippreżentaw sommarju tal-valutazzjoni tagħna skont il-kriterji ta' hawn fuq.

*Figura 3*

**Il-valutazzjoni tal-Qorti dwar ix-xerqien tar-riżorsi proprji individwali inklużi fir-riforma proposta mill-Kummissjoni**

| Kriterji:<br>Riżorsi proprji bbażati fuq: | Livell ta' kumplessità | Kwalità tad-*data* u tal-mudelli | Stabbiltà tal-fondi | Trasparenza | Possibbiltà tal-awditjar |
|---|---|---|---|---|---|
| VAT issimplifikata | Baxx | Baxxa<br>(ara l-paragrafu 22) | Għolja | Għolja | Medja |

([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (GU L 168, 7.6.2014, p. 39).

| Kriterji: / Riżorsi proprji bbażati fuq: | Livell ta' kumplessità | Kwalità tad-*data* u tal-mudelli | Stabbiltà tal-fondi | Trasparenza | Possibbiltà tal-awditjar |
|---|---|---|---|---|---|
| EU ETS | Baxx | Għolja | Baxxa (ara l-paragrafu 37) | Medja | Għolja |
| BKKTK | Medju | Baxxa (ara l-paragrafu 33) | Għolja | Medja | Medja (ara l-paragrafu 30) |
| Skart tal-plastik mill-imballaġġ | Medju | Baxxa (ara l-paragrafu 40) | Medja | Għolja | Medja (ara l-paragrafu 41) |
| RPT | Baxx | Medja (ara n-nota 24 f'qiegħ il-paġna) | Għolja | Għolja | Medja |
| ING | Medju (ara l-paragrafu 18) | Medja (ara l-paragrafu 18) | Għolja | Medja | Medja (ara n-nota 49 f'qiegħ il-paġna) |

*Sors:* Il-QEA, b'kont meħud tax-xogħol li twettaq mill-HLGOR (ara l-paragrafi 3 u 7).

***Ir-riforma ta' xi wħud mir-riżorsi proprji eżistenti***

**Iż-żamma tad-dazji doganali (RPT), iżda b'rata aktar baxxa għall-ispejjeż tal-ġbir**

14. L-RPT huma dazji doganali imposti fuq importazzjonijiet ta' prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi. Huma jirrappreżentaw 16 % tal-baġit tal-UE fl-2018 (EUR 23 biljun). Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-UE hija mistennija li tibqa' stabbli: bħala medja, 15 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 26 biljun) għall-perjodu 2021-2027. L-Istati Membri jiġbru dawn id-dazji f'isem l-UE u jagħmluhom disponibbli għall-baġit tal-UE wara li jnaqqsu 20 % bħala spejjeż tal-ġbir tagħhom. F'verżjonijiet preċedenti tas-sistema tar-riżorsi proprji din ir-rata varjat bejn 10 % u 25 %.

15. Il-Kummissjoni tistma li l-ispejjeż tal-ġbir attwalment huma ogħla mill-infiq reali mġarrba mill-Istati Membri fuq l-irkupru diliġenti tad-dazji doganali. Hija tirrimarka wkoll li l-ammonti li jinġabru u l-intensità tal-kontrolli jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u li l-ammonti li jinżammu bħala spejjeż tal-ġbir mhux dejjem jintużaw biex jappoġġaw l-attivitajiet doganali ([23]). B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni pproponiet li r-rata titnaqqas għal-livell inizjali ta' 10 %.

16. L-RPT huma riżorsa proprja ġenwina u jikkostitwixxu sors affidabbli ta' dħul tal-UE ([24]). Madankollu, aħna nosservaw li l-Kummissjoni ma ġġustifikatx ir-rata ta' 10 % permezz ta' studju li jipprovdi stimi affidabbli tal-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fil-ġbir tad-dazji ([25]).

([23]) Ir-rata għolja tal-ispejjeż tal-ġbir ġiet ipperċepita bħala ribass moħbi għal xi Stati Membri, kif indikat ukoll mir-rapport finali tal-HLGOR, p. 40.

([24]) L-evażjoni tad-dazji doganali taffettwa l-ġbir tal-RPT. Aħna eżaminajna l-kwistjoni ta' "nuqqas doganali" (jiġifieri d-differenza bejn id-dħul doganali mistenni u dak verament miġbur) fir-Rapport Speċjali Nru 19/2017 — Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE. Ara wkoll ir-Rapport Annwali 2017 tagħna.

([25]) Fl-Opinjoni Nru 2/2012 tagħna, aħna konna diġà osservajna li ma kien hemm l-ebda studju, fil-livell tal-UE, li jipprovdi stimi affidabbli dwar l-ispejjeż reali mġarrba mill-awtoritajiet doganali għall-ġbir tad-dazji u għad-disponibbiltà tal-RPT.

**Iż-żamma tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING**

17. Attwalment, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING hija s-sors prinċipali ta' dħul tal-UE (EUR 103 biljun, jew 71 % tal-baġit tal-UE fl-2018). Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni tagħha għall-baġit tal-UE hija mistennija li titnaqqas, bħala medja, għal 58 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 103 biljun) għall-perjodu 2021-2027. Hija tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-ING tal-Istati Membri. Din ir-rata tiġi ddeterminata bħala perċentwal tal-ING annwali previst, biex tkopri kompletament dik il-parti tal-baġit li mhijiex iffinanzjata mill-RPT, mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u minn dħul ieħor. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING b'hekk hija l-entrata saldatorja tal-baġit tal-UE.

18. F'Opinjonijiet preċedenti ([26]), aħna enfasizzajna r-riskji għoljin li huma marbuta mal-kumplessità involuta fil-ġabra tal-aggregat statistiku tal-ING u fis-sistemi ta' ġestjoni relatati, kif ukoll in-nuqqas ta' trasparenza fil-kalkolu ta' din ir-riżorsa proprja. Minħabba ċ-ċiklu ta' verifikazzjoni pluriennali tal-Kummissjoni u l-ġestjoni tar-riżervi, id-*data* tal-ING li tintuża biex jiġu kkalkulati r-riżorsi proprji tieħu ħafna ħin biex tiġi riveduta. B'riżultat ta' dan, wara aktar minn 10 snin mis-sena inkwistjoni, il-kontribuzzjonijiet nazzjonali xorta jistgħu jkunu suġġetti għal korrezzjonijiet u l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw inċertezza baġitarja ([27]).

19. Aħna nirrikonoxxu li r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING tiżgura l-istabbiltà kumplessiva tas-sistema ta' finanzjament tal-UE. Madankollu, fir-Rapporti Annwali 2016 u 2017 tagħna, aħna indikajna l-ħtieġa li jsir xogħol addizzjonali sabiex jiġi żgurat li ċerti fenomeni relatati mal-globalizzazzjoni (bħar-rilokazzjoni ta' intrapriżi multinazzjonali) jiġu riflessi b'mod korrett fil-kontijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni, irrikonoxxiet din is-sitwazzjoni fil-proposti tagħha, u għarfet li l-iżviluppi ekonomiċi reċenti jippreżentaw sfidi għall-awtoritajiet nazzjonali biex ikejlu l-ING b'mod korrett. B'riżultat ta' dan, il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING tal-Istati Membri jiġu kkalkulati bl-użu ta' *data* li tista' ma tkunx għalkollox affidabbli f'dan ir-rigward.

**Is-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT**

20. Fis-sistema attwali, il-proċess ta' armonizzazzjoni tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri jirriżulta f'għadd ta' korrezzjonijiet u kumpensi. Il-kalkolu tar-Rata Medja Ponderata (WAR) huwa kumpless ukoll. Din ir-riżorsa proprja tirrappreżenta 12 % tal-baġit tal-UE fl-2018 (EUR 17-il biljun) u, skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni tagħha hija mistennija li tiżdied, bħala medja, għal 14 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 25 biljun) għall-perjodu 2021-2027.

21. Is-simplifikazzjoni proposta hija bbażata fuq tliet stadji:

(a) L-iffukar fuq provvisti li huma suġġetti għar-rata standard tal-VAT,

(b) Is-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-kalkolu tal-bażijiet tal-VAT bl-użu ta' suppożizzjonijiet issimplifikati bbażati fuq id-dħul b'rata standard, u

(c) L-applikazzjoni ta' rata ta' prelevazzjoni uniformi fuq il-bażijiet b'rata standard ([28]) biex tinkiseb ir-riżorsa proprja.

22. L-eżaminar tagħna tal-metodoloġija proposta jiżvela li s-suppożizzjonijiet użati mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-VAT issimplifikata ma jikkonformawx mal-istadji (a) u (b) ta' hawn fuq. L-**Anness II** jipprovdi eżaminar fid-dettall tas-sistema attwali u dik ġdida proposta għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ([29]).

23. Kif imsemmi fl-Opinjoni Nru 2/2012 tagħna, f'għadd ta' każijiet, aħna kkritikajna r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT minħabba l-kumplessità tal-kalkolu tagħha ([30]) u n-nuqqas ta' rabta diretta mal-bażi għat-taxxa. Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tissimplifika l-kalkolu, iżda xorta ma tipprovdi l-ebda rabta diretta mal-bażi għat-taxxa. Madankollu, rabta bħal din tista' tinkiseb billi tiġi applikata rata ta' prelevazzjoni direttament mad-dħul mill-VAT ([31]).

---

([26]) Ara n-Nota 6 f'qiegħ il-paġna.

([27]) Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 — Kisba ta' *data* korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni u r-Rapport Annwali 2014 tagħna.

([28]) Ir-rata ta' wieħed fil-mija tikkorrispondi għar-rata uniformi stipulata mill-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea tindika li jenħtieġ li r-rata ta' prelevazzjoni reali ma tkunx aktar minn 2 %.

([29]) Skont il-Kummissjoni, din il-metodoloġija għall-kalkolu tar-riżorsa proprja l-ġdida kellha tintuża minħabba n-nuqqas ta' *data* disponibbli dwar ir-ripartizzjoni tad-dħul skont ir-rata tal-VAT.

([30]) Fir-Rapport Annwali 2017 tagħna, aħna rrappurtajna dgħufijiet fil-verifikazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, b'mod notevoli fir-rigward tal-kalkolu tal-WAR.

([31]) L-evażjoni tal-VAT taffettwa kemm il-kalkolu tar-riżorsa proprja attwali kif ukoll dak tar-riżorsa proprja proposta bbażata fuq dan l-aggregat tat-taxxa. Aħna eżaminajna din id-"diskrepanza fil-VAT" fir-Rapport Speċjali Nru 24/2015 – L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni.

*"Basket" ta' riżorsi proprji ġodda*

24. Il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi "basket" ta' tliet sorsi ġodda ta' dħul. L-approċċ tal-"basket" għandu l-għan li jipprovdi riżorsi proprji ġenwini li jkunu marbuta ma' politiki ewlenin tal-UE, bħat-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali, l-istrateġija għall-plastiks, l-ekonomija ċirkolari, u s-suq uniku. Madankollu, is-sorsi l-ġodda proposti ta' dħul huma, essenzjalment, kontribuzzjonijiet nazzjonali, u tnejn biss (ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK u dik ibbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ) minn tlieta jista' jkollhom xi impatt fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE (ara l-paragrafi 26 u 42).

25. Skont il-Kummissjoni, l-implimentazzjoni tas-sistema rriformata mhijiex se twassal għal aktar approprjazzjonijiet baġitarji jew għal aktar persunal, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi proprji l-ġodda. Madankollu, din il-valutazzjoni mhijiex issostanzjata minn studju ddettaljat.

**Riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK**

26. Il-globalizzazzjoni u r-rwol li qed jikber tal-kumpaniji diġitali jippreżentaw sfidi għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa. Fi snin reċenti, iż-żieda ta' assi intanġibbli ffaċilitat il-mobbiltà kapitali, u d-dibattitu dar lejn l-inadegwatezza tal-oqfsa tat-tassazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-indirizzar b'mod xieraq ta' dawn l-iżviluppi. Id-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar il-proġett tal-introduzzjoni tal-BKKTK inbdew fl-2011, u l-Kummissjoni, fil-pjan ta' azzjoni tagħha ta' Ġunju 2015 ([32]), ipproponiet approċċ gradwali lejn sistema tat-taxxa korporattiva fl-UE kollha. F'Ottubru 2016, il-Kummissjoni għamlet żewġ proposti leġiżlattivi simultanji:

(a) għall-ewwel stadju, hija għamlet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) ([33]), biex tiġi żgurata komputazzjoni xierqa tal-bażi għat-taxxa għal kumpaniji u għal stabbilimenti permanenti fl-UE, u

(b) għat-tieni stadju, hija għamlet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-BKKTK ([34]), biex il-proċess tal-konsolidazzjoni u kwistjonijiet oħra relatati jiġu ttrattati kif xieraq ([35]).

27. F'każ li l-proposti leġiżlattivi ta' hawn fuq jiġu adottati mill-Kunsill u rratifikati fl-Istati Membri, it-tassazzjoni bbażata fuq il-BBKKTK tkun obbligatorja għal kumpaniji kbar li jissodisfaw ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-forma ġuridika, it-tassazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-entitajiet u s-soll tal-grupp (id-dħul ta' EUR 750 miljun matul is-sena li tiġi qabel is-sena finanzjarja rilevanti). Ir-riżorsa proprja l-ġdida proposta li tkun ibbażata fuq din it-taxxa tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni tar-rata ta' prelevazzjoni ta' 3 % ([36]) għall-profitti taxxabbli ta' kumpaniji multinazzjonali jew gruppi ta' kumpaniji.

28. Kumpaniji li ma jissodisfawx dawn il-kriterji kollha jistgħu, fuq bażi volontarja, jagħżlu li jkunu suġġetti għal din it-taxxa minflok it-taxxi korporattivi nazzjonali ta' Stati Membri oħra. Madankollu, il-valur tad-dħul tagħhom jiġi eskluż mill-bażi li tintuża għall-kalkolu tar-riżorsa proprja.

29. Il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-BKKTK tiddikjara li jenħtieġ li, fi tmiem is-sena finanzjarja, il-bażi konsolidata għat-taxxa tiġi kondiviża bejn l-entitajiet tal-grupp ta' kumpaniji fl-Istati Membri differenti, abbażi ta' formula li tagħti ponderazzjoni ugwali (jiġifieri terz) għal tliet fatturi: il-bejgħ, ix-xogħol (ir-remunerazzjoni u l-għadd ta' impjegati) u l-assi.

30. Madankollu, aħna nosservaw li l-kapaċità tal-Istati Membri individwali li jivverifikaw l-allokazzjoni korretta tad-dħul fi ħdan il-grupp tiddependi mill-kooperazzjoni tal-Istati Membri l-oħra fir-rigward tat-trażmissjoni ta' *data* dwar id-diversi kumpaniji sussidjarji u kumpaniji omm. L-aċċess tagħna, u dak tal-Kummissjoni, għal informazzjoni ddettaljata tal-ġestjoni dwar kumpaniji privati jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet.

---

([32]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-17 ta Ġunju 2015 dwar Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea: Ħames Oqsma Ewlenin għal Azzjoni (COM(2015) 302 final).

([33]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (COM(2016) 685 final tal-25 ta' Ottubru 2016).

([34]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (COM(2016) 683 final tal-25 ta' Ottubru 2016).

([35]) Pereżempju, ir-riorganizzazzjonijiet ta' gruppi, it-trattament ta' telf u ta' qligħ kapitali mhux realizzat, u l-metodu tat-tqassim għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa fost l-Istati Membri.

([36]) Din hija r-rata uniformi stipulata fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni ghas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea tindika li jenħtieġ li r-rata ta' prelevazzjoni reali ma tkunx aktar minn 6 %.

31. Il-Kummissjoni pproponiet, kemm fir-rigward tal-BKKTK kif ukoll fir-rigward tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ, li kwalunkwe bidla fil-kalkolu ta' dawn ir-riżorsi proprji ma tkomplix tittieħed inkunsiderazzjoni wara l-31 ta' Lulju tas-sitt sena wara sena finanzjarja partikolari ([37]). Dan il-perjodu, li matulu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal sena partikolari jistgħu jiġu riveduti, huwa magħruf bħala l-"perjodu tal-preskrizzjoni".

32. Aħna nosservaw li dan il-perjodu huwa itwal minn dak li jintuża għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u għal dawk ibbażati fuq l-ING, li huwa biss ta' erba' snin. L-istess japplika għall-perjodu taż-żamma għad-dokumenti ta' sostenn ([38]). Peress li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu tal-preskrizzjoni billi jistabbilixxu riżervi, ma hemm l-ebda riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE li huwa relatat mar-riżorsi proprji l-ġodda bbażati fuq il-BKKTK u fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ (ara l-**Anness I**).

33. Minħabba li, sentejn wara li nħarġu l-proposti, id-Direttivi dwar il-BKTK u l-BKKTK għadhom ma ġewx adottati, huma se jiddaħħlu gradwalment mhux qabel ma jgħaddu bosta snin mill-bidu tal-QFP il-ġdid. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK hija mistennija li tiffinanzja, bħala medja, 6 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 12 biljun) għall-perjodu 2021-2027 ([39]).

**Riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS**

34. Fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi, li ġie adottat f'Diċembru 2015, l-UE impenjat lilha nfisha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'mill-inqas 40 % (mil-livelli tal-1990). L-EU ETS hija waħda mill-istrumenti prinċipali ([40]) għall-ilħuq ta' dawn il-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Bl-ETS, l-UE stabbiliet limitu fuq l-emissjonijiet kumplessivi li jkunu ġejjin minn ċerti setturi tal-provvista tal-enerġija, industriji li jużaw ħafna enerġija u titjiriet ġewwa ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u ħolqot suq għall-kwoti tal-emissjonijiet, biex hekk stabbiliet prezz fuq il-karbonju. Hija tipprovdi limitu (massimu) fuq l-emissjonijiet. Il-kumpaniji jirċievu jew jixtru kwoti tal-emissjonijiet, li huma jistgħu jinnegozjaw. Il-**Kaxxa 1** tagħti stampa ġenerali tal-EU ETS ([41]).

**Kaxxa 1 — Stampa ġenerali tal-EU ETS**

L-EU ETS taħdem fuq il-prinċipju ta' "limitu u skambju". Il-volum kumplessiv ta' gassijiet serra li jista' jiġi emess matul perjodu pluriennali minn impjanti tal-enerġija, fabbriki u kumpaniji oħra li huma koperti mis-sistema huwa suġġett għal limitu massimu li huwa stabbilit fil-livell tal-UE. Fi ħdan dan il-limitu, il-kumpaniji jirċievu jew jixtru kwoti tal-emissjonijiet li, jekk ikunu jixtiequ, jistgħu jinnegozjaw.

Matul il-perjodu 2013-2020, il-limitu massimu fuq l-emissjonijiet minn stazzjonijiet tal-enerġija u installazzjonijiet fissi oħra qed jitnaqqas b'1,74 % kull sena. Mill-2021 'il quddiem, ir-rata ta' tnaqqis annwali se tkun ta' 2,2 %.

L-irkant tal-kwoti jipprovdi dħul għall-Istati Membri, li matul il-perjodu 2013-2017 ġabru EUR 21,3 biljun. Taħt id-Direttiva dwar l-EU ETS, jenħtieġ li mill-inqas 50 % minn dan id-dħul jintuża għal skopijiet relatati mal-klima. Skont il-Kummissjoni, il-proporzjon ta' dħul mill-ETS li jintuża għal dawn l-iskopijiet huwa ta' madwar 80 %.

35. Din ir-riżorsa proprja l-ġdida proposta tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni tar-rata ta' prelevazzjoni ta' 20 % ([42]) għad-dħul mill-irkant tal-kwoti, li jiġu vvalutati skont il-prezz uniformi tal-irkant u jkunu disponibbli biex jiġu distribwiti fl-Istati Membri kollha abbażi tal-emissjonijiet għall-perjodu 2005-2007 ([43]). Il-prezzijiet tal-irkant u l-volumi jiġu ppubblikati kuljum mill-pjattaformi rilevanti.

---

([37]) L-Artikolu 13(4) tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill (COM(2018) 326 final).

([38]) Għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS u l-RPT, il-perjodu taż-żamma tad-dokumenti huwa mill-inqas ta' tliet snin.

([39]) Minħabba d-disponibbiltà limitata tad-*data*, dan il-kalkolu huwa bbażat fuq informazzjoni għall-2012, u jinkludi l-gruppi multinazzjonali kollha (inklużi dawk li ma jaqbżux is-soll tad-dħul, kif stipulat fil-paragrafu 28).

([40]) Emissjonijiet minn setturi li ma jaqgħux taħt l-EU ETS huma koperti minn miri annwali vinkolanti relatati, mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma stabbiliti fil-livell tal-Istat Membru.

([41]) Preċedentement aħna ppubblikajna rapport dwar l-EU ETS (Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2015 — L-integrità u l-implimentazzjoni tal-EU ETS). Pubblikazzjonijiet oħra f'dan il-qasam se jsegwu f'qasir żmien.

([42]) Din hija r-rata uniformi stipulata fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea tindika li jenħtieġ li r-rata ta' prelevazzjoni reali ma tkunx aktar minn 30 %.

([43]) Ara l-Artikolu 10(2)(a) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3) (id-"Direttiva dwar l-ETS").

36. L-EU ETS hija għodda importanti għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima u l-ambjent. Madankollu, ir-riżorsa proprja proposta bbażata fuq l-EU ETS, ma toħloqx inċentiv addizzjonali għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

37. Skont il-Kummissjoni, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-EU ETS għandha tiffinanzja, bħala medja, 2 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 3 biljun) għall-perjodu 2021-2027. Kif turi l-**Figura 4**, il-prezz uniformi tal-irkant ([44]) tal-kwoti huwa volatili. Madankollu, dan mhux se jipperikola l-istabbiltà tal-baġit peress li r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ETS tirrappreżenta biss proporzjon żgħir tad-dħul tal-UE.

*Figura 4*

**Prezzijiet tal-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu Jannar 2012-Settembru 2018**




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-pjattaforma tal-irkant (www.eex.com).

## Riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ

38. L-imballaġġ tal-plastik jirrappreżenta madwar 60 % tal-iskart tal-plastik prodott fil-fażi ta' wara l-konsumatur fl-UE. Il-Kummissjoni pproponiet il-mira li sal-2025 jiġi riċiklat mill-inqas 50 % tal-imballaġġ kollu tal-plastik li jiġi prodott fl-UE u sal-2030 jiġi riċiklat aktar min-nofs. Hija stabbiliet ukoll l-objettiv li, sal-2030, l-imballaġġ kollu tal-plastik li jitqiegħed fis-suq tal-UE għandu jkun jista' jintuża mill-ġdid jew jiġi riċiklat faċilment ([45]).

39. Il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għal din ir-riżorsa proprja proposta għall-baġit tal-UE se tkun direttament proporzjonali għall-kwantità ta' skart tal-plastik tal-imballaġġ li huwa jiġġenera u li mhux qed jiġi riċiklat. Hija se tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni tar-rata ta' prelevazzjoni ta' EUR 0,80 għal kull kilogramm ([46]) ta' skart.

40. Il-**Kaxxa 2** turi s-sors u l-kwalità tad-*data* użata mill-Kummissjoni għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik tal-imballaġġ.

([44]) L-emendi għad-Direttiva dwar l-ETS introduċew mekkaniżmi biex il-prezzijiet tal-irkant isiru aktar stabbli. Madankollu, dawn il-prezzijiet jiddependu mir-riżultati tal-irkant.

([45]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018) 28 final tas-16 ta' Jannar 2018) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari (COM(2018) 29 final tas-16 ta' Jannar 2018).

([46]) Din hija r-rata uniformi stipulata mill-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea tindika li jenħtieġ li r-rata ta' prelevazzjoni reali ma tkunx aktar minn EUR 1,00 għal kull kilogramm.

**Kaxxa 2 — Sors u kwalità tad-data dwar l-iskart tal-plastik tal-imballaġġ**

Id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ tal-imballaġġ diġà tiġi rrappurtata lill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ([47]).

Il-Kummissjoni tipproponi li, għal xi Stati Membri, jeħtieġ li jsir aktar titjib fid-*data* dwar l-imballaġġ tal-plastik riċiklat. Hija tipprevedi li tikseb dan permezz tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-iskart li tintroduċi regoli għall-kalkolu li huma stretti u armonizzati. Din il-leġiżlazzjoni ġiet adottata f'Mejju 2018 ([48]) u emendat id-Direttiva ta' hawn fuq. Dawn l-emendi għad-Direttiva, li jintroduċu kalkoli stretti u armonizzati, iridu jiġu ppromulgati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sa Lulju 2020.

41. Aħna nosservaw li, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità statistika ([49]), mhuwiex possibbli li nistabbilixxu rendikont sħiħ tal-entrati li jiddokumenta l-ġabra tad-*data* statistika li tintuża bħala l-bażi għall-kalkolu ta' din ir-riżorsa proprja. Il-verifikazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' dan is-sors ta' dħul, hija mistennija li tkun suġġetta għal proċess ta' kontroll pluriennali, kif inhu l-każ għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (ara l-paragrafu 18).

42. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ hija intenzjonata li tipprovdi inċentiv għall-Istati Membri biex inaqqsu l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ. Fuq terminu twil, bidla bħal din fl-imġiba tista' tnaqqas il-bażi ta' kalkolu. Aħna nosservaw li, kif kien ukoll il-każ bir-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK, il-perjodu tal-preskrizzjoni mhuwiex allinjat ma' dak tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING (ara l-paragrafi 31 u 32, u l-**Anness I**).

43. Il-Kummissjoni tistma li r-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ, bħala medja, se tiffinanzja 4 % tal-baġit annwali tal-UE (EUR 7 biljun) għall-perjodu 2021-2027. Dawn l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-Istati Membri kollha se jilħqu l-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fid-Direttivi. Madankollu, huma ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-bidla potenzjali fl-imġiba msemmija hawn fuq.

***Eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet***

44. Fis-Summit Ewropew ta' Fontainebleau li sar f'Ġunju 1984 intlaħqet il-konklużjoni li l-Istati Membri li jġarrbu piżijiet baġitarji eċċessivi meta mqabbel mal-prosperità relattiva tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn korrezzjoni. Minn dakinhar 'il hawn, is-sistema tar-riżorsi proprji inkludiet xi mekkaniżmi ta' korrezzjoni li jiffavorixxu għadd ta' Stati Membri. Dan wassal għal kumplessità eċċessiva u għal inqas trasparenza fil-finanzjament tal-baġit tal-UE. Kritika li enfasizzajna f'Opinjonijiet preċedenti ([50]).

45. Il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni attwali huma: ir-ribass ([51]) tar-Renju Unit, ir-"ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit" għall-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, it-tnaqqis ta' somom f'daqqa għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għad-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, u t-tnaqqis tar-rati ta' prelevazzjoni tal-VAT għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja.

46. Bidla partikolari li l-Kummissjoni pproponiet fir-riforma tagħha tas-sistema ta' finanzjament tal-UE kienet li telimina gradwalment dawn il-korrezzjonijiet (bl-esklużjoni tar-ribass tar-Renju Unit, iżda bl-inklużjoni tar-"ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit") bejn l-2021 u l-2025. L-ammonti ta' referenza tal-korrezzjonijiet kollha għall-ħames Stati Membri ([52]) kkonċernati se jkunu bbażati fuq il-kalkolu tagħhom għas-sena 2020 skont is-sistema attwali (stima kumplessiva ta' EUR 5,8 biljun). Il-korrezzjonijiet kollha se jinbidlu f'somom f'daqqa u progressivament se jitnaqqsu fi stadji li jkunu bbażati fuq l-istess perċentwal (17 % kull sena).

---

([47]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.
([48]) Id-Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 141).
([49]) Kunfidenzjalità statistika tfisser *"li l-ħarsien ta'* data *kunfidenzjali relatata ma' unitajiet ta' statistika uniċi li huma miksuba direttament għal skopijiet ta' statistika jew indirettament minn sorsi amministrattivi jew sorsi oħra u dan jimplika l-projbizzjoni tal-użu tad-*data *miksuba għal skopijiet mhux ta' statistika jew l-iżvelar illegali tagħha"*. Ara l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).
([50]) Fl-Opinjonijiet Nru 2/2012 u Nru 2/2006, aħna esprimejna tħassib dwar il-kumplessità u n-nuqqas ta' trasparenza tas-sistemi attwali (u dawk preċedenti) tar-riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit tal-UE.
([51]) Skont il-proposta, ir-ribass tar-Renju Unit se jibqa' jeżisti sakemm il-pajjiż jibqa' jagħti kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-UE (jiġifieri sal-2020).
([52]) Id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja.

47. Skont il-Kummissjoni, l-abolizzjoni immedjata tal-korrezzjonijiet b'effett mill-2021 tista' twassal għal żieda f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet ta' dawk l-Istati Membri li preċedentement kienu bbenefikaw minn dawn il-korrezzjonijiet. Aħna nqisu li l-eliminazzjoni progressiva tal-korrezzjonijiet tkun pass 'il quddiem lejn sistema aktar trasparenti u inqas kumplessa minn dik eżistenti (ara l-paragrafi 44 u 45). Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-korrezzjonijiet se jintemmu fl-2026.

***Żieda fil-limiti massimi għar-riżorsi proprji***

48. Il-limitu massimu attwali għar-riżorsi proprji għall-finanzjament ta' approprjazzjonijiet għal pagamenti annwali huwa stabbilit għal rata ta' 1,20 % tas-somom tal-ING tal-Istati Membri kollha, u għall-approprjazzjonijiet għal pagamenti r-rata hija ta' 1,26 %. B'kont meħud tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-inkorporazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fil-baġit tal-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu koperti obbligazzjonijiet finanzjarji marbuta ma' self jew faċilitajiet finanzjarji ggarantiti mill-baġit tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet li dawn il-limiti massimi tal-ING tas-27 Stat Membru jiżdiedu għal 1,29 % u 1,35 % rispettivament.

**IT-TIELET PARTI: KONKLUŻJONIJIET U EMENDI PROPOSTI**

49. Il-Kummissjoni pproponiet dawn il-bidliet li ġejjin fir-rigward tas-sistema attwali għall-finanzjament futur tal-UE: titnaqqas ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING bi 13-il punt perċentwali, jiġi introdott "basket" ta' riżorsi proprji ġodda (ibbażati fuq il-BKKTK, l-EU ETS u l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ), li jirrappreżentaw 12 % tad-dħul tal-UE, tiżdied bi ftit ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT issimplifikata u r-riżorsi l-oħra (l-RPT u d-dħul l-ieħor) jinżammu fl-istess livelli kumplessivi. Hija pproponiet ukoll l-eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet eżistenti li huma ta' benefiċċju għal ċerti Stati Membri u ż-żieda tal-limiti massimi għar-riżorsi proprji.

50. Id-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE jistipula l-prinċipji ewlenin għal din ir-riforma, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-HLGOR. Il-proposta tieħu kont ta' xi wħud minnhom, iżda mhux kollha kemm huma. Barra minn hekk, din ir-riforma tindirizza biss xi wħud mid-dgħufijiet li aħna identifikajna fix-xogħol preċedenti tagħna dwar ir-riżorsi proprji eżistenti. Fil-fehma tagħna, is-sistema ta' finanzjament tal-UE proposta għadha kumplessa.

51. Aħna osservajna li t-tħejjija ta' din il-proposta ma inkludietx valutazzjoni tal-impatt komprensiva, iddokumentata u ppubblikata (ara l-paragrafu 7).

52. L-analiżi tagħna tas-sistema rriformata identifikat dawn il-kwistjonijiet prinċipali li ġejjin:

— Ir-riżorsa proprja proposta bbażata fuq il-VAT issimplifikata tinkludi suppożizzjonijiet dwar tranżazzjonijiet b'rata standard li ma jaderixxux ma' xi wħud mill-istadji tal-kalkolu deskritti mill-Kummisjoni (ara l-paragrafu 22),

— Minħabba li l-applikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK hija suġġetta għad-Direttiva dwar din it-taxxa li qed tiġi adottata mill-Kunsill u implimentata fil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri, hija se tiddaħħal b'mod gradwali u mhux qabel ma jgħaddu bosta snin mill-bidu tal-QFP l-ġdid (ara l-paragrafi 26 u 27, u 33),

— L-EU ETS hija għodda importanti għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima u l-ambjent. Madankollu, ir-riżorsa proprja proposta bbażata fuq l-ETS ma toħloqx inċentiv addizzjonali għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, hija mhijiex riżorsa stabbli minħabba l-volatilità tal-prezzijiet tal-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet (ara l-paragrafi 36 u 37),

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ tipprovdi inċentiv għall-Istati Membri biex jirriċiklaw aktar plastik. Madankollu, jeħtieġ li jsir titjib fil-kwalità tad-*data* li tintuża għall-kalkolu ta' din ir-riżorsa proprja (ara l-paragrafi 40 u 42),

— L-eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet hija pass 'il quddiem lejn sistema aktar trasparenti u inqas kumplessa. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-korrezzjonijiet se jintemmu fl-2026 (ara l-paragrafu 47), u

— Fir-rigward tar-riżorsi proprji l-ġodda proposti, is-setgħat tal-awditjar tagħna, dwar dawk ibbażati fuq il-BKKTK u l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ, jistgħu jkunu ristretti. Hemm riskju li dan jaffettwa l-possibbiltà tal-awditjar u b'hekk, l-obbligu ta' rendikont (ara l-paragrafi 30 u 41).

***Rakkomandazzjonijiet biex isir titjib fir-riforma proposta tar-riżorsi proprji***

53. Aħna nirrakkomandaw li l-korpi leġiżlattivi jitolbu lill-Kummissjoni biex twettaq dawn l-azzjonijiet li ġejjin mill-aktar fis possibbli:

**Rakkomandazzjoni 1: Teżamina l-proposti leġiżlattivi tagħha**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-proposti tagħha fir-rigward tar-riżorsi proprji l-ġodda:

(a) Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-BKKTK – jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-probabbiltà li din ir-riżorsa tiġi implimentata matul il-QFP li jmiss u l-implikazzjonijiet ta' kwalunkwe dewmien;

(b) Ir-riżorsa proprja bbażata fq l-EU ETS – jenħtieġ li fil-prosposta tagħha, il-Kummissjoni tikkjarafika li din ir-riżorsa ma toħloqx inċentiv addizzjonali għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Jenħtieġ li hija tanalizza wkoll l-impatt tal-volatilità assoċjata ma' dan is-sors ta' dħul;

(c) Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ – jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza t-tnaqqis possibbli tal-ammonti li huma mistennija li jinġabru minn din ir-riżorsa minħabba bidliet fl-imġiba tal-unitajiet domestiċi u tal-operaturi ekonomiċi.

**Rakkomandazzjoni 2: Tqis mill-ġdid il-proposta tagħha għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ssimplifikata**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis mill-ġdid il-proposta tagħha għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT issimplifikata. F'każ li tiddeċiedi li żżomm dan is-sors ta' dħul, hija tista':

— jew tikkjarifika li s-simplifikazzjonijiet proposti ma jwasslux għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-VAT ibbażat fuq il-bażijiet taxxabbli b'rata standard,

— jew tintroduċi sors ġdid ta' dħul ibbażat biss fuq dħul mill-VAT.

54. L-**Anness I** jistipula l-emendi u l-kummenti dwar il-proposti tal-Kummissjoni li ġew diskussi fl-ewwel u fit-tieni parti.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

*ANNESS I*

**L-EMENDI GĦALL-PROPOSTI SSUĠĠERITI MILL-QORTI**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea — (COM(2018) 325 final)**

| Referenza | Suġġeriment/bidla proposta mill-Qorti | Kummenti |
|---|---|---|
| Introduzzjoni | Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri; | Peress li l-Parlament talab l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jenħtieġ li tiddaħħal din ir-referenza. |
| Artikolu 2(1)(b) | Titħassar il-parti "miġbura mill-provvisti taxxabbli kklassifikati standard" u tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-proposta tagħha kif deskritt fir-**Rakkomandazzjoni 2**. | Il-metodu propost mill-Kummissjoni ma jiżolax provvisti taxxabbli kklassifikati standard (ara l-paragrafu 22). |

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-Plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti — (COM(2018) 326 final)**

| Referenza | Suġġeriment/bidla proposta mill-Qorti | Kummenti |
|---|---|---|
| Artikoli 2(1) u 13(4) | "Sitt sena" tiġi sostitwita b'"raba' sena". | Sitt snin jistgħu jkunu perjodu ta' żmien eċċessivament twil biex id-*data* titħalla miftuħa. Dan iwassal għal inċertezza baġitarja għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri (ara l-paragrafi 31 u 32, u 42). Aħna nipproponu dan sabiex nallinjaw iż-żewġ riżorsi proprji l-ġodda (ibbażati fuq il-BKKTK u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ) mar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT. |
| Artikolu 4 | — | Għall-fini ta' ċarezza, jenħtieġ li din id-dispożizzjoni tifforma parti minn emenda għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 (ara l-paragrafi 11 u 12). |

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (tal-KEE, u l-Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir mir-riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud — (COM(2018) 328 final)**

| Referenza | Suġġeriment/bidla proposta mill-Qorti | Kummenti |
|---|---|---|
| Premessi (1), (2) u (3);<br>Artikolu 1(2), (4), (6) u (7) | Titħassar il-parti "b'rata standard" u tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-proposta tagħha kif deskritt fir-**Rakkomandazzjoni 2**. | Il-metodu propost mill-Kummissjoni ma jiżolax provvisti taxxabbli b'rata standard (ara l-paragrafu 22). |

*ANNESS II*

**METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAR-RIŻORSA PROPRJA L-ĠDIDA PROPOSTA BBAŻATA FUQ IL-VAT**

**Is-sistema attwali:**

Il-metodu għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tal-Istati Membri huwa bbażat fuq bażi tal-VAT armonizzata nozzjonalment. Dan isir biex l-għażliet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kombinament ta' rati tal-VAT (fi ħdan il-limiti stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT) ma jinfluwenzawx il-kontribuzzjonijiet pagabbli tagħhom. Dan il-metodu kumpless jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-ammont tal-VAT li jinġabar minn kull Stat Membru (id-dħul tiegħu) u, wara kull korrezzjoni u kumpens meħtieġa, jiddividi dan l-ammont bir-Rata Medja Ponderata (WAR). Il-WAR jirriżulta minn analiżi statistika kumplessa tal-kombinament ta' provvisti ta' beni u servizzi, u r-rati tal-VAT applikati, fl-Istati Membri kollha. Il-bażi tal-VAT armonizzata nozzjonalment li tirriżulta mbagħad tiġi mmultiplikata b'rata fissa ta' prelevazzjoni, biex b'hekk tinkiseb il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru.

Dan il-kalkolu huwa spjegat mill-formula li ġejja, li tiġi applikata għal kull Stat Membru:

$$\text{Riżorsa Proprja bbażata fuq il-VAT} = \frac{\text{Dħul totali mill-VAT (aġġustat)}}{\text{WAR}} \times \text{Rata ta' prelevazzjoni}$$

**Is-sistema l-ġdida proposta:**

Minħabba li l-kalkolu tal-WAR huwa kumpless, il-Kummissjoni qed tipproponi li dawn l-istadji jiġu aboliti biex minflok jiġi adottat approċċ issimplifikat. Is-sistema l-ġdida li ġiet proposta mill-Kummissjoni hija bbażata fuq tranżazzjonijiet b'rata standard. Dan ifisser li dawk il-beni u servizzi li huma suġġetti għal rati oħra ta' tassazzjoni huma esklużi.

Il-Kummissjoni analizzat id-*data* għall-perjodu 2011-2015 u sabet li, bħala medja, il-provvisti ta' beni u servizzi b'rata standard jirrappreżentaw madwar 74 % tat-tranżazzjonijiet. Dan il-proporzjon varja bejn madwar 46 % u 99 %, skont l-Istat Membru. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-perċentwal komuni tal-provvisti b'rata standard fil-livell tal-UE kien ta' 45 %.

L-ewwel stadju fil-kalkolu propost mill-Kummissjoni huwa li din ir-rata ta' 45 % tiġi applikata għad-dħul totali mill-VAT ta' kull Stat Membru. Dan huwa dovut għan-nuqqas ta' disponibbiltà tad-*data* dwar ir-ripartizzjoni tal-provvisti skont ir-rata ta' tassazzjoni. Il-Kummissjoni tassumi li d-**dħul b'rata standard** tal-Istati Membri se jinkiseb permezz ta' din il-multiplikazzjoni. Fil-fehma tagħna, din il-metodoloġija mhijiex soda. Ir-riżultat tal-multiplikazzjoni bl-użu tar-rata ta' 45 % ma jeskludix id-dħul li jinġabar b'rati oħra tal-VAT. Ir-riżultat jagħtina biss 45 % tad-dħul totali (45 % tal-provvisti b'rata standard flimkien ma' 45 % tal-provvisti li mhumiex b'rata standard). Dan mhuwiex ekwivalenti għad-dħul b'rata standard.

It-tieni stadju huwa li "d-dħul b'rata standard" ta' kull Stat Membru jiġi diviż bir-rata standard tal-VAT tiegħu. Skont il-Kummissjoni, permezz ta' dan il-kalkolu tinkiseb il-**bażi taxxabbli b'rata standard**. B'hekk, il-"bażi taxxabbli b'rata standard" li tirriżulta tirrappreżenta kombinament ta' dħul li ġej minn rati differenti, iżda li huwa diviż b'rata standard unika, b'hekk din il-multiplikazzjoni ma tantx għandha sinifikat prattiku.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi l-applikazzjoni ta' rata ta' prelevazzjoni (1 % sa massimu ta' 2 %) għall-bażi taxxabbli b'rata standard.

Dawn l-istadji jistgħu jiġu ppreżentati fil-qosor fil-formula li ġejja:

$$\text{Riżorsa Proprja bbażata fuq il-VAT} = \frac{45\,\% \times \text{Dħul totali mill-VAT}}{\text{Rata standard tal-VAT}} \times \text{Rata ta' prelevazzjoni}$$

Dan jista' jinkiteb mill-ġdid minn perspettiva purament matematika kif ġej:

$$\text{Riżorsa Proprja bbażata fuq il-VAT} = \frac{\text{Dħul totali mill-VAT}}{\text{Rata standard tal-VAT}} \times 45\,\% \times \text{Rata ta' prelevazzjoni}$$

B'hekk, nistgħu naslu eżattament għall-istess ċifri billi sempliċement jiġi diviż id-dħul mill-VAT bir-rata standard u billi tiġi applikata rata ta' prelevazzjoni ta' 0,45 % (1 % ta' 45 %).

Ghalhekk, aħna nikkonkludu li l-Kummissjoni ssostitwiet il-WAR kumpless b'rata standard sempliċi fil-proċess tal-kalkolu. Madankollu, is-suppożizzjonijiet li ntużaw mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-VAT issimplifikata ma jaderixxux ma' xi wħud mill-istadji tal-kalkolu li huma deskritti fil-proposta.